17

10 ta' Jannar 2020

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
10 JAN 2020
FLORIANA

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Applikazzjoni:* | *PA/6660/19* |
| *Proposta:* | *reconstruction and relocation of previously existing room by a few meters. Proposed room to be constructed over already committed stone foundations. Room to be used as a shed.* |
| *Post:* | *Site at ta' Hondoq ir-Rummien, Qala* |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**Rikors ta' l-appell ta' Paul Scicluna mid-decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

L-Appellant jesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2019 giet sottomessa din l-applikazzjoni.

II) Illi permezz ta decizjoni mehuda mill-Awtorita ta' l-Ippjanar u ppublikata fl- 24 ta' Dicembru 2019, marret kontra ir-rakkomandazzjoni tad-Direttorat ta' l-Ippjanar u cahdet l-applikazzjoni.

Bid-dovut rispett, l-appellant jhoss ruhu aggravat minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qieghed jissottometti dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annetti:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi apellata (Dok JA1).
- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellant jissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej:

1. Illi l-ewwel raguni tar-rifjut hija irrilevanti u mhux applikabbli stante li il-proposta giet ipprocessata mid-Direttorat a bazi tal-Policy 6.2C li certament li hija applikabbli ghall-kaz odjern. Il-fatt li d-Direttorat ghazel li ma jikkonsultax ma l- AAC qatt ma tista tkun raguni tar-rifjut kontra l-applikant ghaliex l-applikant ma jirregolax il-process ta' konsultazzjoni.
2. Illi applikati il-principji tal-Policy 6.2C certament li t-tieni raguni tar-rifjut hija ukoll irrilevanti u mhux applikabbli, stante li l-proposta hija ben konformi mal-policy fuq imsemmija.
3. Kif id-Direttorat ta' l-Ippjanar stess ikkonferma, il-proposta hija konformi mal-kriterji kollha tal-Policy 6.2C u gialadarba dan huwa il-kaz, allura l-applikazzjoni ma setghatx tigi deciza a bazi ta' policy ohra.

4. Il-binja proposta ma teccedix il-qis tal-binjiet li kienu jezistu storikament, anzi, jigi sottomess, illi hija izghar mit-totalita tal-binijiet kollha li kienu storikament jezistu fuq is-sit.
5. Illi del resto il-proposta in kwistjoni hija kompletament in linea mal-policies vigenti u b' hekk ghandha tigi approvata.

Ghaldaqstant, l-appellant qed jitlob li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta'l-aplikazzjoni odjerna jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnha lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni ta'rifjut mehuda mill-Awtorita fil-kaz odjern, u tenut kont ta'dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikkajoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellant u jordna li jinhareg il-permess relattiv, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House, Old Bakery Street, Valletta**

**Lista ta' xiedha:**

Konsulenti interni u esterni ta' l-Awtorita kif ukoll ufficjali ta' l-istess sabiex jixdhu fuq il-fatti tal-kaz u kazijiet simili, kif ukoll dwar il-policies vigenti.

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House, Old Bakery Street, Valletta**